MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 337/2004

Kawza fil-lista: 24

**A B**
**Vs**
**C B u b' digriet tad-29 ta' April 2005 l-Avukat Dottor Tonio Azzopardi u l-Prokuratrici Legali Liliana Buhagiar gew mahtura kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-konvenut assenti**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi fit-tmienja u ghoxrin ta' Jannar tas-sena elf disa mija u tnejn u disghajn (28/01/1992) l-istanti A Chetcuti ghaddiet minn forma ta' zwieg apparenti mal-konvenut C B, imwiled l-Iskozja, fir-Registru taz-Zwigijiet, Valletta, u

dana kif jidher mic-Certifikat taz-zwieg numru sitta u disghajn tas-sena elf disa mija u tnejn u disghajn (96/1992) kopja ta' liema tinsab hawn unita u markata Dok. A;

U peress illi dan iz-zwieg kien null u bla ebda effett "ab initio" ghat-tenur ta' l-Artikolu 19(1) ta' l-att tas-sena 1975, kif emendat, dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta);

Jghid ghalhekk il-konvenut il-ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg apparenti bejn il-partijiet celebrat fit-28 ta' Jannar 1992 kien null u bla ebda effett "ab initio" minhabba d-difetti, jew wahda minnhom, a tenur ta' l-Artikolu 19(1) ta' l-att tal-1975, kif emendat, dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Taghti dawk il-provvedimenti kollha li jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew illi huma ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk irrizervaw id-dritt li jissollevaw l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-28 ta' Jannar 1992

huwa null fil-ligi ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut.

Il-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi u taghtiha affidament;

Mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fit-28 ta' Jannar 1992 l-attrici li allura kellha 22 sena zzewwget lill-konvenut ragel ta' nazzjonalita Skocciza li dak iz-zmien kellu 28 sena, wara li kienu ilhom sena jiffrekwentaw lil xulxin.

Illi f' dak iz-zmien il-konvenut ma kienx jahdem u kien jixrob, u kienet thallas ghall-ispejjez tieghu l-attrici. Sussegwentement dan ipproponilha sabiex tizzewwgu sabiex ikollu l-freedom of movement f' Malta u jkun jista' jibda jahdem. Din accettat u di fatti l-koppja zzewwgu kif fuq indikat; izda wara z-zwieg is-sitwazzjoni baqghet l-istess u l-konvenut baqa' jghix unikament minn fuq is-salarju ta' l-attrici, allura martu, fi stat ta' "perpetual retirement and intoxication" kif ddeskriviet martu l-qaghda tieghu. Ghalkemm huwa kien wegheda li kien qed jistenna l-flus minn barra, dawn il-flus qatt ma gew. Okkazzjonalment il-konvenut li huwa alkoholiku kien jabbuza minn martu fizikament billi jsawwatha u anke verbalment. Eventwalment il-koppja sseparat de facto ghax l-attrici ma setghetx tkampa aktar f'din il-hajja, u l-konvenut siefer lejn il-Canada minn fejn ottjeni d-divorzju u skond l-attrici reggha zzewweg mara ohra.

Mill-kwadru premess il-Qorti tirravvisa fil-konfront tal-konvenut il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255 li jikkontempla l-eskluzjoni posittiva da parti tal-konjugi jew wiehed minnhom ta' dmirijiet essenzjali ghall-hajja matrimonjali. Fil-gurisprudenza gie ritenut li l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewwga huma dawk li johorgu minn unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghall-konvivenza komuni, il-prokreazzjoni ta' l-ulied u t-trobbija ta' l-istess. Konvivenza bazata fuq il-ben essere reciproku taz-zewg konjugi fil-konfront ta' xulxin.

Illi mill-komportament tal-konvenut waqt iz-zwieg jirrizulta car li d-decizjoni tieghu li jizzewweg ma kienitx ispirata minn desiderju li jikkonvivi ma' l-attrici fil-kuntest tal-obbligazzjonijet fuq indikati, izda kienet motivata biss biex jghix kompletament minn fuq dahar l-attrici li kellha impieg u kienet tahdem ghalih, ikompli jikkultiva l-vizzju tieghu tax-xorb ukoll a spejjez ta l-attrici, u okkazzjonalment jabbuzaha u jsawwatha. Tant kienet tragika s-sitwazzjoni li sabet ruhha l-attrici li hi eliminat kull idea li jkollha tfal minn dan iz-zwieg.

F' dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenut il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] fuq citat. Il-komportament tieghu juri bic-car li ghalkemm huwa esternament kien ta il-kunsens tieghu ghaz-zwieg, internament dan kien eskluda l-obbligazzjonijiet matrimonjali tieghu.

Dan premess u kkunsidrat it-talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg ikkuntratt bejn il-partijiet f' Malta fit-28 ta' Jannar 1992. L-ispejjez kollha a kariku tal-konvenut, izda provvizorjament dawk relattivi ghal kuraturi deputati ghandhom jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------